MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 706/2001/1

**Piero Barone**

**v.**

**Steel & Co. Ltd. u Pierre Grima f'ismu proprju u kif eserċenti fin-negozju ta' "The Alley Bar"**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell da parti tal-konvenut proprio u għan-nom tas-soċjeta` kummerċjali Steel & Co. Limited minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata 15 ta'

Ottubru 2009 li qegħda tiġi riportata hawn taħt għall-aħjar intendiment ta’ dan l-appell:
“Il-Qorti:

“Rat ic-citazzjoniipprezentata mill-attur fil-25 ta’ April, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta:

“Illi l-attur kien ha kuntratt ta' appalt u xoghlijiet ta' kisi u tibjid minghand il-konvenuti, u dan permezz ta' offerta b'tender li gie moghti lill-istess attur;

“Illi l-attur fix-xahar t'Ottubru 2000, ghamel tali xoghol ta' kisi u tibjid u
xoghol relatat iehor fil-fond "The Alley Bar", Wilga Street, Paceville fuq istruzzjonijiet tal-konvenuti, liema xoghlijiet fil-fatt tlestew fiz-zmien stipulat;

“Illi l-konvenuti baqghu ma hallsux il-bilanc ta' disat elef mitejn u seba' liri Maltin u erbgha w sebghin centezmi (Lm9,207.74) rapprezentanti prezz ta' xoghol u tibjid u xoghlijiet ohra relatati u materjal pprovdut fl-imsemmi fond kif hawn fuq premess;

“Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2000, biex jersqu ghall-hlas tal-bilanc dovut, baqghu inadempjenti;

“Talab ghalhekk li l-konvenuti ighidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex:

1. “Tikkundanna l-konvenuti jigu ordnati jhallsu il-bilanc ta' disat elef mitejn u seba' liri Maltin u erbgha w sebghin centezmi (Lm9,207.74) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u tibjid u xoghlijiet ohra relatati u materjal pprovdut fil-fond "The Alley", Wilga Street, Paceville, fuq istruzzjonijiet taghhom;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali data 6 ta' Novembru 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi ppresentat kontestwalment ma dan l-att kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti sabiex jixhdu u ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Steel & Co. Limited u Pierre Grima f’ismu proprju u kif esercenti fin-negozju ta' 'The Alley Bar', li in forza taghha huma eccepew:

1. “Illi, preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju ghal li gej, il-konvenut Pierre Grima f’ismu proprju u kif esercenti fin-negozju ta' 'The Alley Bar' ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju u dana stante illi huwa qatt ma kellu relazzjoni mal-attur;
2. “Illi, fil-mertu, is-socjeta` konvenuta eccipjenti tecepixxi illi kien l-istess attur illi ma ikkompletax ix-xoghol hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet tant illi xoghol maghmul mill-attur ma giex ivverifikat mill-perit arkitett ingaggjat mis-socjeta` konvenuta hekk kif kien miftiehem u x-xoghol tieghu kellu jikkompletah haddiehor hekk kif se tipprova s-socjeta` konvenuta waqt il-kawza;
3. “Illi, ukoll fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta eccipjenti tecepixxi illi l-ammont mitlub huwa wiehed ezorbitanti u dana ghar-ragunijiet illi se jkollha l-opportunita' tipprova fil-mori ta' din il-kawza;
4. “Illi, finalment u dwar il-kap tal-ispejjez, il-konvenuti m'ghandhomx ibatu spejjez ghaliex huma qatt ma gew interpellati sabiex ihallsu u qatt ma gew innotifikati bl-ebda ittra ufficjali qabel il-presentata tac-citazzjoni odjerna;
5. “Salv kull eccezzjoni ohra hekk kif permessa mill-ligi;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

“Rat illi l-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom waqt is-seduta tat-18 ta’ April, 2002.

“Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti.

“Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu;

“Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

"Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat:

- Omissis -

"Ikkunsidrat:

"Illi l-attur ipprezenta il-kawza odjerna sabiex jithallas il-bilanc ta' disa telef mitejn u seba liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (LM9,207.74) rapprezentanti prezz ta' xoghol u tibjid u xoghlijiet ohra relatati u materjal pprovdut f'The Alley Wilga Street Paceville.

"Illi l-konvenut jeccepixxi li l-istess attur ma ikkompletax ix-xoghol kif miftiehem bejn il-partijiet, hekk li x-xoghol maghmul mill-attur ma giex verifikat mill-perit ingaggjat mis-socjeta` konvenuta u x-xoghol tieghu kellu jikkompletah haddiehor. Il-konvenut jecepixxi wkoll illi l-ammont mitlub huwa wiehed ezorbitanti.

"Illi l-Qorti rat illi l-istess konvenut ammetta fix-xiehda tieghu illi huwa ghazel illi jaghti l-appalt lill-attur wara li ra l-offerta tal-istess attur, liema offerta tinsab a fol 9 u 10 tal-process; liema dokumenti gew esebiti mill-attur mac-citazzjoni tieghu.

"Illi l-istess konvenut esebixxa zewg kontijiet illi huma esebiti u jinsabu a fol. 29, 30 u 31 tal-process.

"Illi l-attur isostni illi huwa ghamel disghin fil-mija tax-xoghol assenjat lilu u ma komplix ix-xoghol ghaliex wara illi huwa talab li jithallas elfejn lira (LM2,000) akkont tax-xoghlijiet u tal-materjal u tax-xoghol extra li kien ghamel il-konvenut, irrifjuta li jhallsu. L-attur isostni illi l-Perit tal-konvenuti kien jispezzjona x-xoghol tieghu u huwa qatt ma kellu ilmenti la minghand il-Perit u lanqas minghand il-konvenuti. L-unika ilment kien illi l-konvenuti riedu li x-

xoghlijiet kollha jispiccaw fl-inqas zmien posibbli izda huwa kien spjegalhom li jekk ma jsirux xoghlijiet da parti ta’ kuntratturi ohra huwa ma setghax ikompli b’xogholu.

“Illi l-Qorti rat illi l-Perit tal-konvenuti xehed illi huwa kien ra t-tender documents u t-time frames maghmula bejn l-attur u il-konvenuti. Il-Perit xehed illi l-attur kien gie qabel il-hin miftiehem u hu kien tah xoghol iehor bhal per ezempju twissija ta’ travi u suffitti, kif ukoll il-kolonni u eventwalment l-attur beda jaghmel ix-xoghol li kien originarjament gie assenjat lilu, u skond il-Perit il-konvenuti bdew jippanikjaw illi x-xoghol ma kienx ser jitlesta fil-hin u ghalhekk ma zammewx mat-time frames li kien ipprepara hu. Il-Perit addirittura xehed illi li kieku gew adderiti t-time frames li kien stabilixxa hu ma kien ikun hemm l-ebda kwistjonijiet dwar meta kellu jitlesta x-xoghol u illi meta l-konvenuti hadu f’idejhom il-programm li kien ghamel hu aktar fixklu milli ghamlu l-affarijiet ahjar. Dwar xoghol l-attur, qal illi ma kien hemm l-ebda ilment dar il-kwalita tax-xoghol illi kien ghamel u xehed ukoll illi l-konvenuti qatt ma ilmentaw mieghu dwar il-haddiema li kien ingagga l-attur.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-Qorti tara illi irrizulta minghajr l-ebda dubbju illi l-konvenuti ippanikjaw u biddlu t-time frames u x-schedule li kien ghamel il-Perit. Dan wassal ghal aktar tfixkil kif xehed l-istess Perit, il-konvenuti irrifjutaw illi jhallsu akkont lill-attur is-somma ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) u ghalhekk l-attur ma kompliex bix-xoghol illi kellu jaghmel.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-Qorti rat illi l-konvenuti ma qablux bejniethom fix-xiehda taghhom. Il-konvenut ma ilmentax dwar il-kwalita tax-xoghol tal-attur, izda il-konvenuta ilmentat minn dan u iddiskrivit xogholu bhala “shoddy.” L-istess konvenuta ikkonfermat fix-xiehda taghha illi l-konvenuti ma kienux interessati illi jiccertifikaw ix-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru mal-Perit imqabbad minnhom, izda kienu aktar interessati

illi l-haddiema ifittxu ilestu x-xoghol malajr sabiex ifittxu jifthu l-bar taghhom.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-Qorti rat sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-18 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet Carmelo sive Charles Sacco vs Penza Construction Limited.

“Illi f’dik is-sentenza il-Qorti kienet osservat l-atteggjament tas-socjeta` konvenuta li baqghet ma hallsitx lill-attur sabiex dan seta` jkun fi grad li jkompli x-xoghol lilu kommissjonat tant li wassal lill-attur f’posizzjoni li ma setax ikompli bl-ezekuzzjoni tax-xoghol tieghu.

“Illi ghalhekk fis-sentenza fuq citata il-Qorti qalet illi ghalkemm kien l-attur li ma kompliex bix-xoghlijiet, kienet effettivament is-socjeta` konvenuta li wasslet lill-attur biex jaghmel dan u b’ dan il-mod kienet virtwalment u guridikament is-socjeta` konvenuta li xoljiet il-kuntratt tas-sub-appalt. Saret referenza ghal decizjoni li tinsab f’Kollez. Vol. XLVI. I. 443 fejn gie ritenut :
“l-appaltant li jqieghed lill-appaltatur f’posizzjoni li dan ma jkunx jista’ jesegwixxi l-kuntratt ikun qieghed ixolji l-kuntratt tal-appalt daqs kemm kieku jkun kecca lill-appaltatur”

“Ikkunsidrat:

“Illi l-Qorti tosserva illi l-konvenuti qatt ma ilmentaw dwar il-kwalita tax-xoghol tal-attur hlief meta l-attur ipprezenta l-kawza odjerna. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-konvenuti ma ipprezentaw l-ebda kontro-talba f’din il-kawza u il-Qorti tosserva wkoll illi l-istess konvenuti jidhru li accettaw id-decizjoni tal-attur li ma jkomplix ix-xoghol. Il-Qorti ma tistax ma tirreferix ukoll ghax-xiehda tal-Perit tal-konvenuti illi qal illi xoghol l-attur kien sar skond is-sengha u l-arti u illi kollox kien miexi sew sa kemm il-konvenuti bdew jippanikjaw, hadu l-kontroll huma, minflok ma hallew f’idejn il-Perit u biddlu it-time frames u x-schedule of works illi kien ghamel l-istess Perit minnhom ingaggjat.

“Illi irrizulta wkoll illi x-xoghlijiet kommissjonati ma tlestewx kollha mill-attur ghaliex l-appalt waqaf. Izda dan kollu ma sarx b’xi htija tal-attur u ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

“Illi, dejjem fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, il-konvenuti eccepew illi xoghol l-attur ma giex iccertifikat mill-Perit Arkitett ingaggjat minnhom.

“Illi l-Qorti qeghda tirrispingi din l-allegazzjoni tal-konvenuti peress illi l-istess konvenuti fix-xiehda taghhom ammettew illi ma kienx jinteressahom illi l-Perit taghhom jiccertifika x-xoghol, izda kien jinteressahom biss illi x-xoghol isir fil-hin stipulat.

“Illi wkoll, apparti minn dan, il-Perit tal-konvenuti xehed illi ma kellu l-ebda ilmenti dwar ix-xoghol tal-attur, jew dwar il-haddiema imqabbda minnu sabiex jaghmlu x-xoghol, lanqas da parti tal-konvenuti.

“Illi dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-ammont mitlub mill-attur huwa ezorbitanti, il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova f’dan is-sens anzi qablu mad-dokumenti kollha esebiti mill-attur mac-citazzjoni tieghu.

“Illi di piu` il-konvenuti approvaw il-quotation illi kien tahom l-attur u kien a bazi ta’ din il-quotation huma tawh it-tender in kwistjoni.

“Illi, in rikapitulazzjoni, l-konvenuti ma jistghux jopponu l-“*exceptio non rite adempleti contractus*” ghad-domanda li saritilha ghall-hlas meta huma stess qabbdu u minn rajjahom issoktaw bix-xoghlijiet u di piu ma ressqu l-ebda kontro-talba ghar-rizarciment tad-danni;

“Illi ghalhekk il-konvenuti huma responsabbli ghal pagament tax-xoghlijiet effettivament ezegwiti mill-attur, u li rrizultaw li kienu hekk ezegwiti tajjeb ghas-sodisfazzjon tal-Arkitett tal-istess konvenuti.

“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi

tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tieghu peress illi din giet irtirata minnu stess kif intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu il-bilanc ta’ wiehed u ghoxrin elf erba mija u tmienja u erbghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€21,448.26); ekwivalenti ghal disat elef mitejn u seba' liri Maltin u erbgha w sebghin centezmi (Lm9,207.74), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol u tibjid u xoghlijiet ohra relatati u materjal pprovdut fil-fond "The Alley", Wilga Street, Paceville, fuq istruzzjonijiet taghhom;

“Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.”

**Rikors tal-appell tal-konvenut**

**2.** Il-konvenut hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u permezz ta’ rikors datat 30 ta’ Ottubru 2009 interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**3.** Fil-qosor, l-aggravji mressqa minnu huma s-segwenti:-

1. L-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi stante li tat piż kbir lil dak li qal il-Perit AIC Colin Zammit u injorat ix-xhieda l-ohra kollha mressqa minnhom liema xhieda jikkontradixxu lill-istess Perit;

2. Kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, l-konvenuti jikkontendu li l-appalt ma ġiex terminat minnhom imma mill-attur. Jikkontendi wkoll illi x-xogħol magħmul mill-attur ma kienx skont l-arti u s-sengħa u għalhekk mhux intitolat għal ebda hlas;

3. Kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, l-attur ma kellux dritt jitlob ħlas qabel ma ġie konkluż ix-xogħol u kwindi l-azzjoni tiegħu kienet intempestiva sakemm ma jkunx irranġa d-difetti jew ikkompleta x-xogħol;

4. Fir-rigward tal-ispejjeż, il-konvenuti jikkontendu illi huma ma kellhomx jiġu akkollati l-ispejjeż peress li l-attur

ma kienx interpellahom ġudizzjarjament qabel ma ressaq il-kawża odjerna.

**Risposta tal-appell tal-attur**

**4.** Permezz ta’ risposta ppreżentata fid-9 ta’ Ottubru 2012 l-attur irrileva s-segwenti:-

1. Fir-rigward tal-ewwel aggravju huwa jgħid li jekk wieħed jeżamina bir-reqqa l-provi li ġew prodotti quddiem l-ewwel Qorti għandu jinduna li s-sentenza hija waħda ġusta;

2. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet aggravju, l-attur isostni li kien l-istess konvenut li fixkel it-*time frames* skedati mill-perit, tant li l-perit ma kompliex isegwi dan ix-xogħol ladarba l-appellanti ħadu kontroll tas-sitwazzjoni. Isostni wkoll illi t-talba tiegħu ma kinitx intempestiva stante li meta jkun hemm ftehim li jsiru ħlasijiet akkont, talba għal tali ħlas m’għandhiex titqies bħala waħda intempestiva.

3. Fir-rigward tar-raba` aggravju l-attur isostni li stante li l-konvenut ikkontesta l-kawża dan jirriduċi fix-xejn kull argument illi messu ġie interpellat permezz ta’ ittra uffiċjali.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**5.** Din il-Qorti se titratta *seriatim* l-aggravji tal-appellant.

**6.** Bl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi mressqa quddiemha. Huwa jsostni illi l-ewwel Qorti tat piż kbir lix-xiehda tal-Perti AIC Colin Zammit u injorat ix-xhieda mressqa minnu u dan speċjalment fir-rigward ta’ żewġ punti partikolari u ċioe` li l-appellat m’għamilx ix-xogħol fit-*time frames* stabbiliti u li x-xogħol li hu kellu jagħmel għamluh ħaddiema oħra li kellhom jiġu ngaġġati minnu.

**7.** Għalhekk dak li effettivament qiegħed jitlob l-appellant huwa li din il-Qorti tirrevedi l-proċess ta’

evalwazzjoni ta’ provi li għamlet l-ewwel Qorti. Din il-Qorti, kif diversi drabi ġie ribadit fis-sentenzi tagħha, hija dejjem riluttanti li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti sakemm ma jirriżultax li dak l-apprezzament ikun ser jirriżulta f’inġustizzja palesi għal xi parti jew oħra.

**8.** Minn eżami li din il-Qorti għamlet tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti jirriżulta illi l-istess Qorti ċertament ħadet in konsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotta quddiemha. Kif kien ukoll doveruż li tagħmel, l-ewwel Qorti evalwat l-istess xhieda u waslet għall-konklużjoni li effettivament l-appellat ma esegwiex l-appalt sal-aħħar iżda dan kien dovut għall-fatt illi l-appellant u martu bdew jippanikjaw, injoraw id-direzzjoni tal-Perit Colin Zammit u ħadu *over* huma tant li meta l-istess Perit ra dan l-atteġġjament ma marx aktar fuq il-post u mar biss meta kien tlesta l-proġett. Minn eżami li din il-Qorti għamlet tax-xiehda hija tista’ faċilment tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti. Jirriżulta illi l-appellat kien għadu jaħdem fil-post ċertament sad-disa’ fazi skont id-dokument esebit a fol. 11 u dan peress li x-xhud Joseph Fabri, mastrudaxxa, li kellu jidħol fix-xena fis-seba’ fażi u fid-disa’ fażi xehed li hu kien jiftakar lill-appellat fuq il-post u kwindi ċertament dan kien fid-disa’ fażi tax-xogħol meta kellhom jaħdmu kontemporanjament. Kwindi huwa verosimili li l-appellat kien laħaq għamel l-ammont ta’ xogħol li qiegħed jippretendi l-ħlas tiegħu.

**9.** Għalhekk ma jirriżultax li l-ewwel Qorti straħet biss fuq dak li qal l-AIC Colin Zammit *in vacuo* biex waslet għall-konklużjoni tagħha iżda jidher li ħadet in konsiderazzjoni dak li qalu d-diversi xhieda prodotti, inkluż ix-xhieda prodotti mill-istess appellant.

**10.** Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**11.** <u>It-tieni aggravju</u> jirrigwarda dwar min mill-partijiet ittermina l-appalt. L-appellant isostni li kien l-appellat li abbanduna l-appalt qabel ma kkompletah. Inoltre jsostni li l-appalt ma ġiex imwettaq skont is-sengħa u l-arti u kwindi m’hu intitolat għal ebda ħlas.

**12.** Fir-rigward tat-terminazzjoni tal-appalt in kwistjoni, kif ġia` ingħad iktar ’il fuq jirriżulta illi kien l-appellant u martu li fixklu t-*time frames* stabbiliti mill-Perit Zammit. Din il-Qorti m’għandhiex raġuni għalfejn tiddubita dak li qal il-Perit Zammit, iktar u iktar meta dan kien il-Perit tal-istess appellant. L-appellat fix-xiehda tiegħu jispjega illi huwa waqaf jaħdem fuq l-istess appalt peress li l-appellant ma ħallsux ammont li ġie mitlub minnu akkont tal-prezz. Dan hu konkordi ma’ dak li xehed l-istess appellant a fol. 58 tal-proċess. Meta mistoqsi għaliex l-appellat telaq mix-xogħol, huwa wieġeb:- “*Għax hu qal li ma hallastux*”, fatt li certament gie stabbilit. Samantha Grima, mart u *business partner* tal-appellant, da parti tagħha tgħid li hi ma kinitx taf bir-raġuni għala l-appellat telaq mix-xogħol[1], iżda li kieku l-appellat talab xi flus hi kienet tħallsu[2].

**13.** Din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax fuq il-mod kif mart l-appellant iddeponiet u li x-xiehda tagħha hija f’xi partijiet għal kollox inverosimili. Huwa inverosimili li mart l-appellant, li *del resto* hija l-*business partner* tiegħu, u li kienet tkun regolari fuq il-post, ma kinitx taf x’kienet ir-raġuni li wasslet lill-appellat ma jkomplix bix-xogħol. Huwa inverosimili li f’nifs wieħed tgħid li x-xogħol ma kienx qed isir skont is-sengħa u l-arti u tgħid ukoll li kieku talabha l-flus hi kienet tħallsu. Dan kollu m’għandux mis-sewwa.

**14.** Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, għalkemm huwa minnu li kien l-appellat li ma kompliex bix-xogħlijiet kummissjonati, kien effettivament l-appellant li wasslu biex ħa din id-deċiżjoni. Kif ġie ritenut drabi oħra *“l-appaltant li jqiegħed lill-appaltatur f’posizzjoni li dan ma jkunx jista’ jesegwixxi l-kuntratt ikun qiegħed ixolji l-kuntratt tal-appalt daqs kemm kieku jkun kecca lill-appaltatur*”.[3] Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li l-appellant għandu raġun jargumenta li kien hemm inadempjenza da parti tal-appellat minħabba n-nuqqas ta’ tlestija tax-xogħol in kwisjtoni. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li d-deċiżjoni kkwotata mill-ewwel

---
[1] A fol. 98
[2] A fol. 107
[3] Kollez. Vol. XLVI P.I p. 443

Qorti, u ċioe` **Carmelo sive Charles Sacco v. Penza Construction Limited**[4] ma għandhiex il-fatti speċie tal-każ odjern. Fid-deċiżjoni ċitata, l-attur proprju ma setgħax jissokta bit-tkomplija tal-eżekuzzjoni tas-sub-appalt peress li s-soċjeta` konvenuta ma kinitx qed tħallsu u billi kellu impjegati x'iħallas huwa ma setax ikompli. Għalkemm jirriżulta illi kien hemm xi diżgwid fuq ir-rati li bihom kellu jitħallas l-attur, irriżulta li dan id-diżgwid inqala' biss wara li l-attur intavola l-kawża. Għalhekk iċ-ċirkostanzi ġuridiċi ta' dik il-kawża kienu identiċi għall-kawża odjerna.

**15.** L-appellant isostni wkoll illi stante li x-xogħol li laħaq sar mill-appellat ma sarx skont is-sengħa u l-arti, allura ma hu dovut l-ebda ħlas. Jibda biex jingħad illi l-appellant ma ppreżenta l-ebda kontro-talba għar-riżarċiment tad-danni u di piu` minn rajh qabbad terzi biex jikkompletaw ix-xogħol. Għażla bħal din iġġib magħha ċerti konsegwenzi. Għax kif isostni **Rubino** fil-monografija tiegħu, "L'Appalto" (UTET, Torino, 1958), "*stante la sua stessa accettazione o utilizzazione della parte eseguita, neanche ora il committente puo' pretendere che l'inadempimento totale, e quindo non puo' esimersi dal corrispondere un adeguato compenso per quella parte".* Dan jistabbilieh del resto s-subinċiż (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kap. 16.

**16.** Iktar minn hekk l-allegati difetti ma nġabux a konjizzjoni tal-istess appellat u l-fatt li l-appellant għadda biex inkariga lil ħaddieħor meta x-xogħol tal-attur ma kienx kollawdat kif hekk kien ragjonevolment mistenni li għandu jkun, ifisser li taċitament aċċetta x-xogħol li sar mill-appellat. Fatt dan li bħala konsegwenza jillibera lill-appellat għal vizzji jew difetti palesi[5].

**17.** Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**18.** <u>It-tielet aggravju</u> jirrigwarda l-intempestivita` tad-domanda għall-ħlas akkont qabel ma l-appellant ikkompleta l-appalt.

---

[4] Prim' Awla, 18 ta' Frar, 2004
[5] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Infejuri) – **Joseph Bezzina et vs Joseph Attard et** deciza fis-17 ta' Marzu 2003

**19.** Fid-duttrina saret distinzjoni rigward il-mod tal-ħlas kompetenti lill-appaltatur skont il-mod kif ikun ġie lilu kommissjonat ix-xogħol. Jekk il-prezz ġie ffissat għal kull unita`, bħal ma hu fil-każ in eżami, l-appaltatur ikollu dritt jitħallas tax-xogħol magħmul; jekk inveċe il-prezz ikun wieħed għax-xogħol kollu, allura jekk ix-xogħol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt għall-ebda parti mill-ħlas[6].

**20.** Għalkemm l-appellat jgħid illi kien hemm ftehim bil-miktub mal-appellant illi kellhom isiru pagamenti akkont waqt li kien qed isir ix-xogħol, fil-fatt dan il-ftehim baqa' qatt ma gie esebit. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi, ma jirriżultax illi l-appellat kien intempestiv meta huwa talab li jitħallas somma akkont ta' dak li kien diġa` ikkompleta stante li mill-fatti jirriżulta illi kien avvanza sew fl-appalt lilu mogħti.

**21.** Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**22.** Fir-rigward tar-raba' aggravju dan huwa altament fieragħ. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti skartat l-ewwel (*sic*) eċċezzjoni tiegħu dwar il-kap tal-ispejjeż. Apparti l-fatt li din l-eċċezzjoni kienet ir-raba' waħda, il-Qorti tirrileva li l-liġi ma tirrikjedix tassattivament illi tali azzjoni tiġi preċeduta b'att ġudizzjarju. Għalkemm kemm l-appellant u kif ukoll l-appellat jagħmlu referenza għal ittra ġudizzjarja li apparentement ġiet preżentata, ħadd mill-partijiet ma pproduċa l-istess ittra fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Inoltre jirriżulta ċar illi anke kieku għall-grazzja tal-argument kellu jiġi stabbilit illi din ġiet effettivament preżentata, xorta waħda ma kinitx se sservi ta' ebda benefiċċju stante li l-mertu ta' din il-kawża baqa' jiġi kontestat sal-aħħar, tant li wasal fi stadju ta' appell. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Deċide**

[6] Carmelo sive Charles Mallia v. Ivan John Fonk, Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------